## 11 ta' Mejju, 1956

### Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

**Paul Grech versus Farmaċista Arturo Felice**

**Retratt — Preferenza — Aċċessjoni — Art. 360, 608, u 613 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Huwa prinċipju universalment rikonoxxut, u espressament konsakrat mill-liġi, illi kull ma jaċċedi għall-art jappartjeni lill-proprjetarju tal-istess art. U meta jsir bini, ir-regola hija li l-prinċipali hija l-art, u l-aċċessorji huma l-materjali tal-kostruzzjoni; jiġifieri illi l-proprjetà tal-art tiġbed magħha l-proprjetà tal-fabbrika.*

*Għal din ir-regola l-liġi tidderoga biss fil-każ meta wieħed ikun bena fuq art tiegħu u jkun daħal in bwona fede fuq biċċa art mill-fond limitrofu ta' ħaddieħor, li kien jaf b'dak il-bini u ma għamelx oppożizzjoni; f'liema każ, l-art li tiġi okkupata u l-bini li jsir fuqha jistgħu jiġu dikjarati ta' proprjetà ta' min bena, taħt l-obbligu li jħallas lil sid l-art il-valur tas-superfiċi li jkun okkupa u li jirriżarċixxi kull ħsara li tkun saret. U mhux leċitu li fil-każ ta' immobbli jiġi segwit il-kriterju li l-liġi tistabbilixxi għad-dritt ta' aċċessjoni rigward mobili, li bis-saħħa tiegħu l-ħaġa prinċipali tiġbed magħha l-ħaġa aċċessorja, li ssir ħaġa waħda ma' dik prinċipali, tassumi n-natura tal-ħaġa prinċipali, u ssir suġġetta għall-istess drittijiet tal-ħaġa prinċipali.*

*Għaldaqstant, jekk jinbiegħ fond li jkun mibni in parti fuq art li tagħha wieħed huwa d-direttarju u in parti fuq art enfitwetika, u jikkonkorru biex jirkuprawha d-direttarju u l-ko-utilista, id-direttarju għandu dritt ta' preferenza fuq il-biċċa tad-dar li hija mibnija fuq l-art tiegħu, li hija titolu aqwa minn dak ta' rkupru kompetenti lill-ko-utilista tal-biċċa l-oħra tad-dar, li għandu biss dritt ta' rkupru u mhux wkoll dak tal-preferenza; u ma jistax jiġi sostnut illi d-dritt tiegħu ta' rkupru jestendi anki għall-*

*biċċa l-oħra li hija suġġetta għad-dritt tal-preferenza ta' dak id-direttarju, billi jiġi allegat illi l-parti l-oħra hija aċċessorja għall-parti tiegħu li huwa għandu dritt jirkupra.*

*Ebda ostakolu ma hemm fil-liġi għall-irkupru ta' biċċa biss mill-fond meta għall-kumplament ma hemmx titolu ta' rkupru; u min għandu dritt jirkupra parti biss minn fond ma jistax jippretendi li għandu dritt jirkupra l-fond kollu.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-attur talab li, billi l-kontendenti rkupraw il-fond terran f'Ħaż-Żabbar, Triq Santa Tereża, numru 13, li jġib l-isem "Maria" bħala suġġett, kwantu għal £1.2.6. ċens annwu temporaneu għaż-żmien li fadal ta' ċirka 99 sena, u kwantu għal 15s. 4½d. ċens annwu perpetwu, dovuti flimkien lil Paolo Grech, u dana, l-attur b'ċedola nru. 102 ta' l-14 ta' Lulju 1947 (dok. A), u l-konvenut b'ċedola tas-26 ta' Lulju 1947 (dok. B); u billi r-rivendizzjoni ma tistax issir qabel ma jiġi deċiż min fost il-kontendenti għandu drittijiet pożjuri; u billi l-art illi fuqha jinsab mibni l-imsemmi fond tifforma parti mill-porzjoni "F", illi flimkien ma' porzjonijiet oħrajn tat-territorju "ta' Caruana" ġiet mogħtija b'enfitewsi perpetwa b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Gio Battista Saydon tat-2 ta' Lulju 1897 (dok. Ċ), biċ-ċens dawk il-porzjonijiet ta' £10 fis-sena, separat minn dak tal-konċessjoni oriġinali magħmula fl-attijiet ta' l-istess Nutar Gio Batta Saydon ta' l-4 ta' Frar 1897; u billi l-parti tat-terren konċess lilu bil-kuntratt fl-attijiet tan-Nutar Giovanni Carmelo Chapelle tat-28 ta' Ottubru 1936 (dok. D) tifforma oġġett ta' l-imsemmija konċessjoni perpetwa, għalkemm lilu mogħtija għal żmien temporaneu, mentri l-parti ta' l-utili dominju possedut mill-konvenut tifforma parti mit-terren li għadu suġġett għall-ewwel enfitewsi temporanea ta' l-4 ta' Frar 1897, u għalhekk il-vinkolu tas-solidarjetà relattivament għall-fond retratt jikkonkorri fl-attur, u mhux fil-konvenut, salvo illi dana jista' eventwalment jippossjedi xi parti wisq iżgħar minn dik appartenenti lilu mit-terren konċesss għal perpetwità; u billi l-fond retratt jinsab mibni parti fuq it-terren enfitewtiku fuq imsemmi u parti fuq art proprja tie-

għu Paolo Grech, minnu mogħtija b'enfitewsi perpetwa, u għal dina l-parti l-konvenut ma jista' jkollu ebda dritt ta' retratt jew ta' preferenza, mentri l-attur għandu dritt ta' preferenza għal dina l-parti bħala padrun dirett; premessi d-dikjarazzjonijiet u provvedimenti opportuni, talab li jiġi dikjarat u deċiż illi d-drittijiet tiegħu ta' retratt u ta' preferenza relattivament għall-bejgħ ta' l-imsemmi fond, li sar bil-kuntratt fl-attijiet tan-Nutar Alessandro Sceberras Trigona tas-7 ta' Ġunju 1947, huma pozjuri għal dawk tal-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta (1) li t-titoli tiegħu huma aqwa minn dawk ta' l-attur; (2) illi mhux preċiż li l-fond nru. 13 St. Teresa Street, Żabbar, huwa mibni fuq il-porzjoni "F", li kienet ġiet mogħtija ma' oħrajn b'enfitewsi perpetwa, imma jinsab fuq biċċa mit-territorju "ta' Caruana" mogħti b'ċens temporanju lil Antonio Cassar mill-Kunvent tal-Karmelitani Skalzi ta' Kospikwa fl-atti tan-Nutar Gio Batta Saydon tal-4 ta' Frar 1897; (3) u illi l-esponent jippossjedi l-fondi msemmija fid-dikjarazzjoni, suġġetti għal £13. 2s. 2d. fis-sena mid-dirett dominju ta' £85 li jitħallas lill-istess Kunvent għaċ-ċens temporanju, u għandu estensjoni ta' art akbar mill-attur;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fis-7 ta' Mejju 1955, li biha ġie dikjarat li d-dritt tal-konvenut għar-rkupru tal-fond deskritt fiċ-ċitazzjoni huwa aqwa minn dak tal-attur, u konsegwentement ġiet respinta d-domanda tal-attur; bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi ma hemmx kwistjoni bejn il-partijiet illi l-attur jippossjedi parti mit-territorju appellat "ta' Caruana", fil-limiti ta' Ħaż-Żabbar, lilu konċess b'titolu ta' subenfitewsi temporanja b'kuntratt publikat minn Nutar Giovanni Carmelo Chapelle tat-28 ta' Ottubru 1936 (fol. 13), bis-subċens ta' £7. 18s. 7½d. fis-sena; liema territorju kien ġie konċess b'enfitewsi temporanja mill-Kunvent ta' Santa Tereża ta' Bormla lil Antonio Cassar b'kuntratt publikat minn Nutar Gio Batta Saydon ta' l-4 ta' Frar 1897;

Illi l-anqas hemm kwistjoni illi l-fondi li bihom qiegħed jirkupra l-konvenut jinsabu mibnija fuq l-imsemmi terri-

torju "ta' Caruana", u jinsabu suġġetti għal ċens li komplessivament jammont għal £13. 2s. 2d. fis-sena;

*Illi anqas jidher kontestat li l-fond li qiegħed jifforma oġġett ta' dina l-kawża jinsab mibni, kwantu għal ħmistax il-qasba kwadra fuq l-imsemmija art "ta' Caruana", u kwantu għal tliettax il-qasba kwadra u għaxart ixbar fuq* art propjeta' tal-attur, minnu mogħtija in enfitewsi perpetwa lil Carmela Busini fl-atti tan-Nutar Enrico Saydon tad-9 ta' Marzu, 1938 (fol. 103), u li l-kumditajiet ta' dak il-fond jinsabu distribwiti skond il-pjanta eżibita mill-attur fol. 78 tal-proċess;

Illi l-partijiet jaqblu wkoll li huma għadhom tenuti "in solidum" għall-ħlas taċ-ċens minnhom rispettivament dovut;

Illi, wara li saru dawn il-premessi, jeħtieġ jiġu eżaminati t-titoli ta' kull wieħed mill-kontendenti għar-rkupru tal-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni, u min minnhom għandu pożjorità fuq l-ieħor;

Illi l-attur, fiċ-ċedola tiegħu ta' rkupru u ta' preferenza (fol. 5), qiegħed jeżerċita d-dritt tiegħu bħala konsorti fl-utili dominju temporanju u bħala padrun dirett; il-konvenut, mil-banda l-oħra, fiċ-ċedola tiegħu (fol. 7), qiegħed jibbaża d-dritt ta' rkupru u tal-preferenza fuq il-fatt li huwa konsorti fl-utili dominju temporanju, u għalhekk marbut solidalment għall-ħlas taċ-ċens dovut mill-fond mibjugħ;

Illi, skond l-art. 1513 (Kod. Ċiv.), bejn żewġ komproprjetarji jew iżjed ("consorti" fid-dizzjoni taljana tal-abolita Ordinanza VII tal-1868), hu preferut dak li mil-fond komuni jkollu sehem akbar minn dak ta' kull wieħed mill-oħrajn; liema dispożizzjoni ġiet, fil-każ ta' ko-utilisti fl-utili dominju aljenat, interpretata fis-sens li huwa preferut dak li jkollu l-akbar porzjoni taċ-ċens (Kollez. Vol. XXIX-I-910). Issa, kif ġie fuq rilevat, il-fondi li bihom qiegħed jirkupra l-konvenut huma suġġetti għal "ċens oriġinali" akbar minn dawk posseduti mill-attur, li anki bħala "subċens" iħallas wisq anqas mill-konvenut. Hawn ta' min jinnota li, kuntrarjament għad-dubju mqanqal mill-attur, il-fondi li bihom qiegħed jirkupra l-konvenut jappartjenu lilu, u mhux

lil martu (v. dokumenti fol. 37 sa 43, 84, 85, 57, 87, 88 u 91 tal-proċess). Għalhekk id-dritt tal-konsorzju nvokat mill-konvenut huwa aqwa minn dak tal-attur;

Illi, però, l-attur fin-nota tiegħu fol. 101 jippretendi li l-"parti essenzjali" tal-fond tinsab mibnija fuq art li ma għandha x'taqsam xejn mat-terren enfitewtiku "ta' Caruana" (ara nota fol. 82). Għalhekk jeħtieġ li ssir l-indaġini fuq liema art tinsab mibnija l-"parti prinċipali" tal-fond;

Illi huwa magħruf li l-ħaġa prinċipali tiġbed magħha l-ħaġa aċċessorja, li ssir ħaġa waħda ma' dik il-prinċipali ("accessorium cedit principali", Inst. Lib. 2, T.1), tassumi n-natura tal-ħaġa prinċipali ("sequitur naturam rei principalis"), u ssir suġġetta għall-istess drittijiet tal-ħaġa prinċipali. Għalhekk, jekk il-parti prinċipali tal-fond hija suġġetta għar-rkupru, issir suġġetta għar-rkupru anki l-parti aċċessorja (ara f'dan is-sens Kollez. Vol. XXX-I-46);

Illi wieħed mil-kriterji mogħtija mill-liġi f'dina l-materja huwa dak kontemplat fl-art. 613 tal-Kodiċi Ċivili, fejn jingħad illi "jekk minn żewġ ħwejjeġ imgħaqqda flimkien biex jagħmlu ħaġa waħda ebda waħda ma tista' titqies bħala aċċessorja tal-oħra, dik li tiswa l-aktar, jew, fil-każ li ż-żewġ ħwejjeġ ikunu jiswew bejn wieħed u ieħor indaqs, li tkun l-akbar fid-daqs, titqies li hija l-prinċipali". Fil-każ tagħna, għanda li l-fond in kwistjoni jinsab distribwit fuq iż-żewġ artijiet bil-mod spjegat fil-pjanta fol. 78, u minnha jidher illi l-parti tiegħu l-aktar importanti, anki bħala valur, tinsab fuq l-art "ta' Caruana"; u dan barra mil-fatt illi l-fond, kwantu għall-estensjoni, jinsab mibni aktar fuq dina l-art milli fuq l-oħra, li tagħha l-attur huwa padrun dirett. Konsegwentement, għall-finijiet tal-irkupru, il-parti mill-fond suġġett għad-dirett dominju tal-attur għandha titqies bħala li hi aċċessorja u li saret waħda mal-parti l-oħra li hija l-prinċipali, u li hija porzjon mill-art "ta' Caruana", fejn il-konvenut għandu dritt pożjuri għall-attur;

Illi, fl-aħħarnett, ta' min jinnota li impropriament il-konvenut invoka, fiċ-ċedola tiegħu, id-dritt ta' preferenza; għaliex si tratta ta' aljenazzjoni ta' utili dominju biss, li fil-konfront tal-konvenut konsorti tagħti lok unikament għad-

dritt tar-retratt legali skond l-art 1576(3) tal-Kodiċi Ċivili, kif ġie interpretat mil-Qorti tal-Appell tar-Reġina fil-15 ta' Ġunju 1953, in re "Galea vs. Abela";

Rat in-nota tal-appell tal-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi jiġi dikjarat illi huwa biss għandu d-dritt tal-preferenza rigward il-porzjoni tad-dar mibnija fuq l-art illi tagħha id-dirett dominju jispetta lilu u fuq l-art relattiva, u li l-konvenut ma għandu l-ebda dritt, la ta' rkupru u lanqas ta' preferenza, fuq dik il-porzjoni tal-fond, u tiġi konfermata in kwantu ddeċediet illi l-konvenut għandu dritt aqwa mill-attur għar-rkupru tar-rimanenti parti tal-fond, u revokata in kwantu ddikjarat illi l-konvenut għandu dritt aqwa mill-attur dwar dik il-porzjoni tal-fond li, kif intqal fuq, hija mibnija fuq art li d-dirett dominju tagħha jispetta lill-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kif jirriżulta mir-relazzjoni tal-perit ġudizzjarju adoperat mill-Ewwel Qorti, il-fond "Maria", imsemmi fiċ-ċitazzjoni u rkuprat mill-kontendenti, jinsab mibni in parti fuq porzjoni mill-art "ta' Caruana", mogħtija b'enfitewsi temporanja għal 150 sena lil Antonio Cassar mill-Kunvent ta' Santa Tereża, Cospicua, b'kuntratt li sar għand in-Nutar Gio Batta Saydon fl-4 ta' Frar 1897, u in parti fuq art tal-appellant, minnu konċessa b'enfitewsi perpetwa lil Carmela Busini fl-atti tan-Nutar Enrico Saydon tad-9 ta' Marzu 1938. Il-parti mibnija fuq l-art "ta' Caruana" tokkupa l-kejl ta' ħmistax il-qasba kwadra, u dik mibnija fuq l-art tal-appellant tokkupa tliettax il-qasba kwadra u għaxart ixbar. Kif jidher mill-att taċ-ċitazzjoni, l-appellant kien jippretendi li għandu titolu ta' retratt u preferenza pozjuri għal dak tal-konvenut rigward il-fond kollu fl-istess att taċ-ċitazzjoni ndikat; iżda f'dina l-istanza rrestrinġa u llimita dik il-pretensjoni tiegħu għal dik il-parti tal-fond mibnija fuq l-art minnu konċessa in enfitewsi perpetwa lil Carmela Busini, bl-imsemmi kuntratt riċevut minn Nutar Enrico Saydon fid-9 ta' Marzu 1938; u għalhekk l-appell, kif jidher

mill-petizzjoni, jinsab limitat għal dina l-porzjoni tal-fond biss, li fuqha jsostni li, bħala padrun dirett, għandu d-dritt tal-preferenza. Il-konvenut, fil-waqt li jirrikonoxxi li dik il-parti tal-fond mhix mibnija fuq l-art "ta' Caruana", iżda fuq l-art li tagħha l-appellant huwa d-direttarju, jippretendi illi d-dritt tal-irkupru tiegħu jestendi anki għal dik il-parti billi hija aċċessorja tal-parti l-oħra, li tinsab mibnija fuq l-art "ta' Caruana". Il-kwistjoni, għalhekk, li għandha tiġi definita f'dan l-appell hija jekk l-irkupru eżerċitat mill-konvenut għandux jiġi ammess għall-fond kollu, kompriża dik il-parti mibnija fuq l-art li tagħha l-appellant huwa d-direttarju, u non ostanti d-dritt tal-preferenza li rigward tagħha lilu jmiss skond il-liġi (art. 1596(1) tal-Kodiċi Ċivili), billi dik l-istess parti għandha titqies bħala aċċessorja tal-parti l-oħra, li rigward tagħha ma hemmx kontestazzjoni li lill-konvenut jikkompeti d-dritt ta' rkupru;

Ikkunsidrat;

Illi huwa prinċipju universalment rikonoxxut, u espressament konsakrat mill-liġi (art. 360 Kodiċi Ċivili), li "quidquid solo aedificatur solo cedit". L-art. 608 tal-imsemmi Kodiċi jikkontjeni limitazzjoni għal dak il-prinċipju; iżda din id-dispożizzjoni hija ta' natura eċċezzjonali, u ma tistax tiġi estiża iżjed minn dak li fiha jinsab stabbilit. Il-fondament ġuridiku tal-imsemmija dispożizzjoni huwa bażat fuq il-konsiderazzjoni li "non essendo sempre sicuro ad accertato il confine, la legge indulge in certo modo a chi lo oltrepassa per una erronea e non istrana opinione della proprietà" (Borsari, Vol. II, p. 203). Fl-istess dispożizzjoni tipprevali l-massima derogatorja għall-prinċipju ġenerali fuq imsemmi "inaedificatur solo cedit", li bis-saħħa tiegħu kull ma jaċċedi għall-art jappartjeni lill-proprjetarju ta' l-istess art. U bħal ma ġa ntqal fuq, trattandosi ta' dispożizzjoni eċċezzjonali, tapplika biss għall-każ previst mill-liġi, u ma tistax tiġi estiża għal każijiet oħra;

Id-dritt ta' aċċessjoni rigward immobili huwa regolat mill-liġi fl-artikoli 605 għal 608 tal-Kodiċi Ċivili, u ma setgħax ikun leċitu lill-Ewwel Qorti, kif għamlet fis-sentenza appellata, li f'din il-materja segwiet kriterji li l-liġi

tistabbilixxi għad-dritt ta' aċċessjoni rigward mobili bħal ma huma dawk previsti fl-art. 613 tal-Kodiċi fuq imsemmi. Meta jsir bini, ir-regola hija li l-prinċipali hija l-art, u l-aċċessorji huma l-materjali ta' kostruzzjoni; jiġifieri, il-proprjetà tal-art tiġbed magħha l-proprjetà tal-fabbrika. Għal din ir-regola l-liġi tidderoga biss fil-każ kontemplat mill-imsemmi art. 608, jiġifieri meta wieħed ikun bena fuq art tiegħu u jkun daħal in bwona fede fuq biċċa mill-fond limitrofu ta' ħaddieħor, li kien jaf b'dak il-bini u ma għamelx oppożizzjoni. F'dan il-każ, l-art li tiġi okkupata, u l-bini li jsir fuqha, jistgħu jiġu dikjarati ta' proprjetà ta' min bena, taħt l-obligu li jħallas lil sid l-art il-valur tas-superfiċi li jkun okkupa, u li jirriżarċixxi kull ħsara li tkun saret;

F'dan il-każ, kieku kellu jiġi ritenut li jikkonkorru l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tad-dispożizzjoni tal-liġi fuq ċitata, il-konvenut appellat ma ħa ebda pass, kif kien dover tiegħu, biex jottjeni d-dikjarazzjoni ġudizzjali hemm prevista u jagħmel il-ħlas hemm kontemplat, qabel ma eżerċita d-dritt ta' rkupru u preferenza biċ-ċedola tas-26 ta' Ġunju 1947 (fol. 7). Infatti, kif kellu okkażjoni jesprimi ruħu t-Tribunal ta' Ġenova (1 settembre 1871, Parodi e Marengo c. Patrone, Legge, 1871, I, 1030; Fadda, Giurisprudenza Cod. Civ. Comm. art. 452, para. 21-22), "nel caso di inoltramenti di un edificio sul suolo del vicino, concorrendovi gli estremi voluti dall'art. 452 C.C. (sostanzjalment identiku għall-art. 608 fuq imsemmi), la proprietà non e' acquisita 'ipso jure' al costruttore, ma occorre una sentenza che può o no riconoscergliela ......... Quindi, finchè questa non sia intervenuta, la proprietà con tutti i dritti e le azioni che ne derivano rimane inalterata nel primitivo proprietario del suolo occupato, il quale può anche agire in rivendicazione". Mil-premess titnissel il-konsegwenza, affermata mil-Kassazzjoni ta' Torino fl-20 ta' Jannar 1899 (ara Repertorio Generale di Giurisprudenza Italiana, Anno 1899), li "il principio che l'accessorio segue il principale è applicabile soltanto ai mobili; per gli immobili invece vige l'altro 'quod solo inaedificatur solo cedit' ";

Ikkunsidrat;

Illi, kif ġa ġie rilevat, id-dar "Maria" imsemmija fl-att taċ-ċitazzjoni, tinsab in parti mibnija fuq art li fi żmien il-bejgħ tagħha kienet, u għadha sal-lum, proprjetà tal-appellant, soġġetta għad-dirett dominju tiegħu, u rigward dik il-parti bil-benefikati erètti fuqha lill-istess appellant jispetta d-dritt tal-preferenza previst mill-art. 1595 (1) tal- Kodiċi Ċivili; mentri fuq dik l-istess parti lill-konvenut appellat ma jikkompeti ebda dritt ta' preferenza, billi mhux dirèttarju u anqas utilista ta' ta' l-istess art; u lanqas ebda dritt ta' rkupru, billi dik l-art u l-benefikati relattivi mhumiex soġġetti għaċ-ċens "ta' Caruana". Konsegwentement, id-dritt tal-konvenut, eżerċitat biċ-ċedola tiegħu tas-26 ta' Ġunju, 1947 (fol. 7), ma jistgħax jiġi ammess ħlief għal dik il-biċċa mid-dar "Maria" mibnija fuq l-art soġġetta għaċ-ċens "ta' Caruana". Ebda ostakolu ma hemm fil-liġi għall-irkupru ta' biċċa biss mil-fond, meta għall-kumplament ma hemmx titolu għall-irkupru; u min għandu dritt jirkupra parti biss minn fond ma jistax jippretendi li għandu dritt jirkupra l-fond kollu (Vol. XXXI-I-3; u Vol. XXX III-II-129);

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tilqa' l-appell ta' l-attur, billi tiddikjara li huwa għandu d-dritt tal-preferenza rigward il-porzjon tad-dar "Maria" mibnija fuq l-art illi tagħha għandu d-dirett dominju, u fuq l-art relattiva, u li l-konvenut ma għandu ebda dritt, la ta' preferenza u lanqas ta' rkupru, fuq dik il-porzjoni tal-fond. U hekk irriformat is-sentenza appellata. U tordna li l-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jitħallsu bin-nofs bejn il-kontendenti, u dawk ta' din l-istanza jitħallsu mill-konvenut appellat.

---